**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Frar 2022**

**Rikors Numru: 410/2014 MLF**

**Erremme Business Advisors**

**vs**

**Miguel Portelli**

Il-Qorti ,

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef u tlieta u ghoxrin Ewro (€4,023) rapprezentanti prezz ta' diversi servizzi ta' konsultazzjoni relatati ma' komputazzjoni tat-taxxa u VAT u dana skond kif jirrizulta mill-prospett mehmuz bhala Dok A rilaxxjat mill-attrici fir-rigward tal-konvenut; bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv.

   Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepixxa:

   i. Illi l-ammont mitlub mill-attrici huwa ferm esagerat u bi ksur ta' dak miftiehem bejn il-partijiet u dan kif sejjer jigi ampjament ippruvat matul is-smiegh u trattazzjoni ta' din il-kawza.

3. Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokument kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Is-socjeta' attrici kienet inkarigata mill-konvenut sabiex tipprovdih b'diversi servizzi, u dan fir-rigward tal-hanut bl-isem Da Michele's Cafeteria and Gelateria, liema hanut huwa gestit mill-konvenut. Ir-relazzjoni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut bdiet ghal habta tas-sena 2013, u dak iz-zmien is-socjeta' attrici kienet wettqet *feasibility study* ghal-hanut gestit mill-konvenut. Ta' dan ix-xoghol is-socjeta' attrici kienet talbet hlas f'ammont ta' circa €1,600, liema ammont kien imhallas mill-konvenut.

ii. Reuben Buttigieg, *Managing Director* tas-socjeta' attrici, xehed li sussegwentement is-socjeta' attrici kienet giet inkarigata mill-konvenut sabiex tezegwixxi xoghol iehor relatat mal-istess hanut, fosthom il-komputazzjoni tal-pagi tal-impjegati fil-hanut, ir-registrazzjoni ta' dawn l-impjegati mal-ETC u wkoll sabiex taghmel is-sottomissjoni tal-formoli tat-taxxa (Income Tax Returns u VAT Returns). Ta' dan ix-xoghol is-socjeta' attrici kienet tohrog il-fatturi u l-konvenut kien ihallashom.[1]

iii. Kompla jghid li xi zmien wara, il-konvenut ried li jespandi n-negozju tieghu u ghalhekk kien jehtieg li jsir *feasibility study* iehor. Spjega li l-fatturi tas-socjeta' attrici jigu generati b'sistema fejn l-impjegat tas-socjeta' attrici li jkun ezegwixxa x-xoghol ghal dak il-klijent partikolari, jirregistra n-numru ta' sieghat li jkun ghamel fuq dik il-bicca xoghol partikolari biex imbaghad il-

[1] Ara x-xhieda ta' Reuben Buttigieg a *fol.* 34 tal-process

klijent jigi mitlub ihallas ghab-bazi ta' dawn is-sieghat u r-rata abbinata mal-impjegat li jkun wettaq ix-xoghol. Ix-xhud kompla jghid li l-ilmenti tal-konvenut dwar il-kontijiet bdew wara li l-facilita' finanzjarja li ried il-konvenut, u li dwarha kien sar il-*feasibility study*, ma kenitx inghatat lill-konvenut. Qal li qabel dan, il-konvenut qatt ma kien ilmenta dwar il-fatturi mahruga mis-socjeta' attrici. Xehed ukoll li r-rati ghas-servizzi provduti mis-socjeta' attrici baqghu l-istess tul l-andament tax-xogholijiet.[2]

iv. Joseph Portelli, missier il-konvenut, xehed li fir-rigward tat-tieni *feasibility study*, il-ftehim ma' Reuben Buttigieg kien li ghal dan ix-xoghol is-socjeta' attrici kienet ser tithallas ammont ta' circa €600. Qal li wara li kien sar dan ix-xoghol, ibnu l-konevnut kien ircieva kont fl-ammont mertu ta' din il-kawza, li kien ferm aktar minn dak pattwit.[3]

v. Il-konvenut xehed li ghat-tieni *feasibility study* Reuben Buttigieg kien qallu li l-hlas li kien ser ikun dovut lis-socjeta' attrici kien ta' circa €600. Qal li in oltre, is-socjeta' attrici kellha wkoll tiehu hsieb l-Income Tax Returns u VAT Returns. Il-konvenut ikkonferma li x-xoghol fil-fatt twettaq mis-socjeta' attrici, u li dan ix-xoghol dam ghaddej madwar tlett gimghat. Spjega li meta huwa rcieva l-kont, kien talab spjegazzjoni minghand is-socjeta' attrici u li Reuben Buttigieg kien qallu li kien hemm xi spejjez ohra minhabba l-haddiema u li kien hemm ukoll xoghol iehor. In kontro-ezami, mistoqsi dwar dawn il-kontijiet il-konvenut xehed illi *"Jiena sa fejn naf li kont rajt jiena, li gie 4,200 euro l-kont, hsibthom visibility* [recte feasibility] *studies biss."*[4]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz tal-kawza odjerna, s-socjeta' attrici qeghda titlob hlas ta' servizzi provduti lill-konvenut fl-ammont ta' €4,023. Il-konvenut jilqa' ghal din it-talba mhux billi

---

[2] Ara l-kontro-ezami ta' Reuben Buttigieg a *fol.* 53 tal-process
[3] Ara l-affidavit ta' Joseph Portelli a *fol.* 57 tal-process
[4] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol.* 59 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a *fol.* 66 tal-process

jikkontendi il-kwalita' tas-servizzi rezi lilu, izda billi jghid li ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa esagerat meta kkumparat ma' dak miftiehem.

7. Fix-xhieda tieghu, l-konvenut jispjega din l-oggezzjoni tieghu billi jikkontendi li l-ftehim li kellu ma' Reuben Buttigieg, *Managing Director* tas-socjeta' attrici, kien li l-prezz ghal *feasibility study* li kellu jigi mwettaq mis-socjeta' attrici kien ser ikun ta' circa €600.

8. Da parti taghha, s-socjeta' attrici esebiet tlett fatturi li flimkien jaghmlu l-ammont minnha pretiz permezz ta' din il-kawza. L-ewwel fattura datata 4 ta' Lulju 2014 bin-numru RB/BS/131058 hija fl-ammont ta' €414.05 u tirrigwarda "*VAT Return submitted on the 15th June 2014*."[5] Din il-fattura tikkombacja ma' *timesheet* esebita mis-socjeta' attrici minn fejn jirrizulta li l-impjegata taghha, Isabel Sammut kienet ghamlet diversi sieghat tahdem ghall-konvenut.[6] Mill-provi prodotti, ma jirrizultax kif fir-rigward ta' din il-fattura l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa esagerat, jew kif dan l-ammont jmur lil hinn minn dak pattwit bejn il-partijiet.

9. It-tieni fattura datata 14 ta' Ottubru 2014 bin-numru RB/BS/131060 hija fl-ammont ta' €3,599.92 u tirrigwarda "*Revision and amendments for Income Tax Return year ending 2013, Payroll Calculation, VAT Return submission date 15 September 2014, Workings on Feasibility Study*".[7] It-tielet fattura datata 20 ta' Ottubru 2014 bin-numru RB/BS/131232 hija fl-ammont ta' €259.60 u tirrigwarda "*Meeting re tax position*".[8]

10. Fir-rigward tal-*feasibility study*, il-konvenut jghid li l-prezz mifthiem mas-socjeta' attrici kien li l-hlas dovut minnu kellu jkun ta' circa €600. Ghalkemm din il-verzjoni ma taqbilx ma dak li xehed dwaru Reuben Buttigieg fejn spjega li s-sistema tal-kontijiet tas-socjeta' attrici tiddependi minn numru ta' sieghat li l-impjegati jkunu hadmu fuq dik il-bicca xoghol partikolari, xorta wahda jibqa' l-fatt li ghal dan il-*feasibility study* is-socjeta' attrici qeghda titlob hlas fl-ammont ta' €718.90, u li naturalment ma' dan l-ammont ghandha tizdied it-taxxa fuq il-valur mizjud. Anke jekk il-Qorti jkollha taccetta

[5] Ara din il-fattura a *fol.* 29 tal-process
[6] Ara t-timesheet a *fol.* 21 tal-process
[7] Ara din il-fattura a *fol.* 30 tal-process
[8] Ara din il-fattura a *fol.* 31 tal-process

bhala veritiera l-verzjoni tal-konvenut li ta' dan il-*feasibility study* il-ftehim kien li huwa kellu jhallas circa €600, certament li ma jistax jinghad li l-ammont ta' €718.90 huwa esagerat.

11. Fir-rigward tal-entrati l-ohra indikati fit-tieni u t-tielet fatturi, dawn huma sopportati minn *timesheets* esebiti mis-socjeta' attrici minn fejn jirrizulta li kien hemm diversi impjegati tas-socjeta' attrici li fix-xhur bejn Lulju u Ottubru tas-sena 2014 kienu qeghdin jahdmu ammont ta' sieghat konsiderevoli fuq xoghol tal-konvenut. Anke f'dan ir-rigward, mill-provi prodotti ma jirrizultax kif l-ammont mitlub huwa esagerat. Il-verzjoni ta' Reuben Buttigieg li r-rati ghas-servizzi provduti mis-socjeta' attrici ma nbidlux matul iz-zmien li s-socjeta' attrici kienet qeghda tipprovdi s-servizzi lill-konvenut u li ta' dawn is-servizzi l-konvenut kien qieghed ihallas, ma giet kontradetta bl-ebda mod.

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jargumenta li huwa ma kellu l-ebda kontroll dwar min mill-impjegati tas-socjeta' attrici kien qieghed jahdem fuq ix-xoghol tieghu. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li s-servizz provdut mis-socjeta' attrici lill-konvenut kien wiehed mifrux fuq numru ta' snin, u li oltre l-kumpilazzjoni tad-dokumenti rikjesti kien jinkludi wkoll diversi laqghat mal-konvenut u ma' missieru Joseph Portelli. Fix-xhieda tieghu l-konvenut stess jghid li sakemm kienet ghaddejja r-relazzjoni lavorattiva ta' bejn il-partijiet huwa kien ihallas "*kull tlett xhur u l-ammont kien bejn wiehed u iehor ikun ta' €300.*"[9] Il-konvenut ma pproduca ebda wahda mill-fatturi precedenti li kien ihallas, u ghalhekk fl-atti ma hemm ebda prova li r-rati applikati mis-socjeta' attrici fis-snin precedenti kienu inferjuri ghal dawk applikati fil-fatturi mertu tal-kawza.

13. In oltre, fil-kontro-ezami tieghu l-konvenut jammetti li x-xoghol li dwaru qieghed jintalab il-hlas effettivament sar mis-socjeta' attrici. Il-Qorti tosserva wkoll li f'dan il-kontro-ezami meta rinfaccjat bil-fatt li dawn il-fatturi jinkludu wkoll xoghol iehor oltre l-*feasibility study,* l-konvenut wiegeb hekk "*Ma kontx naf bihom*" u "*Jiena sa fejn naf*

[9] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol.* 59 tal-process

*li kont rajt jiena, li gie 4,200 euro l-kont, hsibthom visibility* [recte: feasibility] *studies biss.*"[10]

14. Finalment, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut jaghmel ukoll referenza ghall-principju tal-ekwita' u jissottometti li din il-Qorti ghandha takkorda ammont *arbitrio boni viri*. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-likwidazzjoni ekwitattiva ghandha tigi applikata meta jkun difficli li parti tistabilixxi b'mod preciz l-ammont li jkun dovut. F'dan il-kaz, is-socjeta' attrici ssostanzjat b'mod sodisfacjenti l-ammont minnha pretiz, filwaqt li minn naha l-ohra l-konvenut ma gab l-ebda prova li turi li dan l-ammont huwa esagerat. Il-principju tal-ekwita' ma jezonerax lill-konvenut mid-dmir li jipprovdi dawk l-elementi probatorji in sostenn tal-eccezzjoni tieghu.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

    1. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut.

    2. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef u tlieta u ghoxrin Euro (€4,023), bl-imghax mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra legali, ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

[10] Ara l-kontro-ezami tal-konvenut a *fol.* 66 tal-process